MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Numru. 398/2007

PULIZIJA
SPETTUR MALCOLM SPITERI
SPETTUR CARMELO ABDILLA
VS
JONATHAN JOSEPH BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Joseph Briffa, ta’ 23 sena, bin Mary Briffa, imwielded Pieta’ fit-23 ta’ Gunju 1983, u residenti Flat 4, St Joseph, Triq Testaferrata, Ta’ Xbiex, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 349183(M), u akkuzat talli fit-28 u d-29 t’April 2007, minn gewwa Tas-Sliema u l-Gzira, ikkommetta serq ta’ flus u telefon cellulari ghad-dannu ta’ David Borg mis-Swieqi, liema valur jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), u liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-hin.

U akkuzat ukoll talli fit-3 ta’ Mejju 2007 gewwa Ta’ Xbiex, kellu fil-pussess tieghu bott CS gas (Pepper Spray) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

U akkuzat ukoll talli nhar it-28 u d-29 t’April 2007, gewwa Tas-Sliema, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., fid-digriet tieghu li bih tah il-helsien mill-arrest taht garanzija nhar it-18 ta’ Marzu 2005.

Ghaldaqstant, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest ta’ l-imputat kif ukoll tarresta mill-gdid lill-imputat.

Kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv fuq sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-imputat (a fol 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 3).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 279(a) u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal tlettax-il xahar (13) prigunerija. In oltre, tordna illi l-imputat jaghmel program gewwa s-SATU, u ghal dan il-ghan, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

In oltre, il-Qorti tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat u ghar-rigward tal-konfiska, din il-Qorti thalli f'idejn il-Magistrat Dr Lawrence Quintano.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------